MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 735/2008

**Michael Attard Limited – C32362**

**Vs**

**Christian Pries – ID-38832A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta` Ottubru, tas-sena 2008 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` €1,682.36c, rapprezentanti import ta` sebgha kambjali skaduti u li kienu gew accettati u ffirmati mill-istess konvenut.

Bl-ispejjez u l-imghax ulterjuri mid-data ta` l-iskadenza sa l-pagament effettiv.

Ra li ghalkemm il-konvenut kien gie legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` lil Avukat Dr. Robert Galea imressaq mis-socjeta` attrici li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum peress illi ma kien sar ebda pagament fil-mori tal-proceduri.

Ra li ghalkemm il-konvenut kien gie msejjah diversi drabi biex jidher ghas-seduta ta` llum, huwa baqa` ma deherx.

Ghaldaqstant, It-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz, billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lil konvenut sabiex ihallasha s-somma mitluba ta` €1,6,82.36c, bl-imghax legali jibqa` dekorri mid-data ta` kull skadenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------